**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Settembru, 2019**

**Talba Nru: 154/2019 PM1**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Drizilla Bakoush (K.I. 300996(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, elfejn u dsatax (2019) illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1695.62) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular bil-kont numru 1.11004888 fuq talba u a beneficcju tal-intimata u dana kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha giet annessa u mmarkata Dok. X1, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokument annessi mal-istess avviz, inkluza il-fattura mahruga mis-socjeta` attrici lill-konvenuta (Dok. X1) u l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono (Dok X2).

Ra li fis-seduta tal-lum irrizulta li, fil-mori tal-kawza, l-konvenuta kienet hallset pagament akkont u konsegwentement giet prezentata d-debita nota ta' riduzzjoni mill-avukata tas-socjeta` attrici. Skont l-istess nota l-ammont bilancjali li ghadu dovut mill-konvenuta huwa dak ta' tmien mija u hamsa u disghin euro u tnejn u sittin centezmi (€895.62). Waqt l-istess seduta deheret il-konvenuta u ddikjarat li kienet qed tammetti t-talba surreferita relattivament ghas-somma bilancjali dovuta minnha.

Ra illi l-kawza giet konsegwentement posposta ghas-sentenza.

Ikkunsidra illi s-socjeta` attrici irriduciet l-ammont mitlub minnha stante l-pagament fil-mori u dana ghas-somma indikata fl-istess nota ta' riduzzjoni liema somma tinsab ammessa mill-konvenuta bhala dovuta minnha. Fir-rigward tal-imghaxijiet, a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**, dawn ghandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza odjerna fir-rigward tas-somma bilancjali, tenut kont in-natura civili tas-servizz offrut u l-pagament dovut ghalih. In vista tal-pagament fil-mori u tal-ammissjoni registrata waqt l-ewwel seduta, il-konvenuta ghandha tbaghti wkoll l-ispejjez tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess konvenuta jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-socjeta` attrici s-somma bilancjali ammessa minnha ta' tmien mija hamsa u disghin euro u tnejn u sittin centezmi (€895.62) bl-imghaxijiet fuq l-istess somma bilancjali mid-data tas-sentenza odjerna u bl-ispejjez tal-kawza odjerna kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.A. (Melit) M.Phil.**

**Gudikatur**